TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/494/11/S

Paul Deguara
Vs
Melita plc

Illum 19 ta'Gunju,2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Paul Deguara datata 17 ta'Novembru,2011 u r-risposta tas-socjeta intimata Melita plc datata 1 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u r-rapprezentanti taghhom;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ftehim dwar diversi servizzi offruti mis-socjeta intimata filwaqt li r-rikorrent beda' jilmenta fuq nuqqas ta' 'reception';

Illi jidher car li r-rikorrent kellu jiccekkja sew ghalxiex kien qed jiffirma u x'inhuma l-konsegwenzi jekk jiddeciedi jwaqqaf xi servizz u b'hekk seta' jaghmel decizjoni iktar infurmata fuq jekk jidholx f'dan il-ftehim jew le;

Illi kif gja kellu cans jikkummenta f'decizjonijiet ohra, dan it-Tribunal ihoss li kuntratt ghandu jkun car u li jinftiehem minn kulmin jiffirmah;

Illi l-Qorti tal-Appell (Superjuri) b'decizjoni moghtija fid-29 t'Ottubru,2004 qalet hekk: "...*Kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom u ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. Biex kuntratt jissodisfa l-vot tal-ligi jehtieg li jkun fih dawk ir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-Artikolu 966 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-kapacita`, il-kunsens, l-oggett u kawza lecita. Naturalment jekk kuntratt jissodisfa dawn r-rekwiziti ma jistax jigi dikjarat null jew bla effett billi tali kuntratt jkun qed jirrifletti l-volonta` legittima tal-kontraenti liema volonta` hija suprema kif jixhdu r-regoli*

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

*ta' interpretazzjoni li jinsabu fl-Artikolu 1002 et sequitur tal-Kap 16..."*[1]

Illi min-naha l-ohra, dan it-Tribunal mhuwiex konvint li dan il-ftehim b'numru sostanzjali ta' klawsoli miktubin bl-ingliz u b'tipi zghira, jinqraw u jigu mifhuma mill-konsumaturi u facli li wiehed jiffirma minghajr ma jaqra dan il-ftehim;

Illi anki kieku kellu jinqara' dan il-ftehim, konsumatur ghandu bzonn ikollu car f'mohhu ghal xiex qed jiffirma u ghalxiex se jintrabat;

Illi mill-provi imressqa quddiemu, dan it-Tribunal mhuwiex konvint li dan il-ftehim jirraprezenta l-volonta legittima tar-rikorrent;

Illi l-ilment dwar nuqqas ta' "reception" fuq gewwa hija problema li dejjem tista' tinqala' u tiddependi mis-sit tal-post in kwistjoni;

Illi min-naha l-ohra, l-ilment dwar 'roaming' jista' jkun rizultat tas-servizz moghti mill-operatur barrani u s-socjeta intimata m'ghandhiex kontroll fuq dan;

Illi mix-xhieda mismugha u mill-provi prodotti, ma jirrizultax xi nuqqas daparti tas-socjeta intimata fl-obbligi assunti minnha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Paul Deguara fis-sens li jinhall mill-obbligi ta' dak iffirmat fis-7 ta'Lulju,2011 minghajr ma jhallas ebda "early termination fee" b'dan li l-istess Paul Deguara ghandu jhallas lis-socjeta Melita plc dak kollu dovut lilha bhala uzu ta' servizzi u l-valur tas-sett tal-'mobile' gdid u b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru

---

[1] "Vittoria Sciberras et vs Sister Adelaide Gauci noe et" (729/1993)